MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 973/2005

**PULIZIJA
SPETTUR IAN J. ABDILLA
VS
KENNETH AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kenneth Agius ta’ 29 sena, iben Carmel u Carmelina nee’ Azzopardi, imwieled San Giljan fl-10 ta’ Frar 1976, residenti ‘Charlin’, Triq John F.Marks, San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 204376(M).

Illi huwa akkuzat talli f’Awwissu 2004 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1). B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-Bank Of Valletta plc., tal-APS Bank Ltd., HSBC Bank Malta plc u diversi persuni u azzjendi ohra. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2). U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, s-somma ta' aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-Bank Of Valletta plc., tal-APS Bank Ltd., HSBC Bank Malta plc, u diversi persuni u azzjendi ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3). U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4). U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew

skrittura falza. Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5). U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat; kif ukoll tallixjentement ghamel uzu minn falsifikazzjoni li saru minn xi persuna/i li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita’. Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 186 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6). U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata iffalsifikata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli. Din bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 187 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7). U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat. Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputati;

Rat il-verbal tad-17 ta’ Ottubru, 2007 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikati minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Pulizija kienet qed tinvestiga sensiela ta’ applikazzjonijiet ghal *home loans* minn diversi Banek Maltin illi kienu qeghdin jigu

korroborati minn dokumenti falsifikati, partikolarment ghal dak illi ghandu x'jaqsam mad-dhul ta' l-applikant, skond l-FS3 ta' l-istess. Illi l-kaz ta' l-imputat kien appuntu wiehed minn dawn l-investigazzjonijiet illi twettqu mill-*Fraud Squad* fejn irrizulta modus operandi minn zewg (2) persuni li kienu qeghdin imexxu agenzija tal-propjeta' u cioe Letizia Scicluna u Joseph Muscat. L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa l-applikazzjonijiet bankarji u dokumenti personali ta' l-imputat u dawn jinstaghbu ezebiti bhala Dok.IA1 sa Dok.IA13

Fl-istqarrija tieghu Dok.IA14, l-imputat stqarr illi huwa kien jahdem ta' barman mal-'Phoenicia' u li huh, Robert, xtaq jixtri post u kien talbu biex inizzel ismu fuq l-applikazzjonijiet bankarji minhabba ragunijiet familjari. Illi huwa gie ntrodott ma' Letizia Scicluna illi kienet tahdem fil-biegh ta' propjeta'. Dan il-*flat* kien jiswa' 32,000 u kien jenhtieg 10,000 biex jigi trangat u li ghaldaqstant hu mar ghand in-nutar ma' Letizia u ragel iehor (jghidulu Pentallino) u huh kien hareg il-flus tad-depozitu. L-imputat stqarr illi minhabba li kien jahdem biss *part-time*, Letizia Scicluna kienet qaltlu li dan ma kienx ser ikun accettabbli ghal Bank u li huwa kellu jhalli f'idejjha u hekk ghamel. Letizia kienet taghtu l-karti kollha u qaltlu x'kellu jghid lil Bank u cioe illi huwa kien jahdem bhala Manager mal-'Phoenicia'. L-HSBC ma kinitx accettat din il-*loan*, ghaldaqstant kienu regghu applikaw l-istess *loan* minghand il-Bank Of Valletta u dan il-bank kien akkorda dan il-*loan*. L-imputat gie muri ritratt ta' Letizia Scicluna u ta' Joseph Muscat u li dan kien gharafhom.

L-Ufficjali tal-Banek, ikkonfermaw id-dokumentazzjoni kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Philip Bonnici (a fol.68) ikkonferma li Kenneth Agius kien jahdem bhala *casual waiter* mal-'Phoenicia' u f'Café' Tigne bhala bar tendant (ara Dok.ETC1 a fol.70) fejn gie ezebit l-*employment history* kollu ta' l-imputat.

Nazzarena Busuttil, ghal-HSBC, (a fol.74) ezebiet id-dokumentazzjoni kollha li giet pprezentata mill-imputat lill-HSBC.

Dennis Busuttil ikkonferma d-dokumentazzjoni kollha (Dok.IA8 sa Dok.IA12) u kkonferma illi l-imputat inghata *loan facility* skond dokumenti ezebiti u li l-imputat dejjem hallas il-mizati kollha tal-*loan* u li l-bank anke ghamel profitt minn din it-tranzazzjoni.

Yvette Bonnici (a fol.120) ikkonfermat il-*loan application* (Dok.IA1 sa Dok.IA5) ta' l-imptuat, ma' l-HSBC Bank u li Letizia Scicluna, sensara, kienet akkompanjat lill-imputat. L-istess Bonnici kellha suspett illi qualche cosa non va, il-ghaliex ir-*references* ta' l-imputat kienu gew ipprezentati minn Letizia Scicluna, flimkien ma' xi erbgha (4) ohra ta' klijenti differenti illi gew iffirmati mill-istess persuna u ghaldaqstant il-*loan facility* ma inghatatx.

Peter Paul Sacco kkonferma illi huwa ma kellux x'jaqsam mal-kaz.

Joanne Stivala (a fol.134) ikkonfermat l-impjieg ta' l-imputat u pprezentat il-P3's ta' l-imputat ghas-sena 2003 u 2004, fejn jidher illi huwa kien *part-time waiter*. Stivala kkonfermat illi d-dokumenti illi jidhru a fol.85, 86 u 87 ma kienux mahruga mill-Hotel 'Phoenicia'.

Simon Grech mill-IT Group, ikkonferma illi Kenneth Agius qatt ma kien hadem maghhom. Ikkonferma wkoll illi Dok.IA11, cioe *pay slips*, allegatament tal-kumpanija taghhom, lil Kenneth Agius, ma kienux mahruga mill-kumpanija taghhom u tenna illi l-imputat qatt ma kien impjegat mal-kumpanija IT Group.

Spettur Ian Joseph Abdilla ezebixxa Dok. IAX, stqarrija ta' l-imputat.

Dr. Joseph Borg Cardona kkonferma illi l-imputat dejjem hallas il-*repayment installments* fuq il-*loan* tieghu b'mod regolari u li l-bank ma' kellu l-ebda intenzjoni illi jirtiraw il-*loan agreement*.

Ikkonsidrat:

Mill-fatti fuq esposti, huwa evidenti illi s-sensara Letizia Scicluna, u Joseph Muscat, kienu qeghdin jipprezentaw lill-klijenti taghhom, quddiem Banek Maltin, ghal *loan facilities*, liema applikazzjonijiet bankarji kienu qeghdin jigu sostnuti permezz ta' dokumenti foloz ghal dak illi fuq jirrigwarda dhul ta' l-applikant u partikolaritajiet ta' fejn jahdem u l-*pay slips* tieghu.

Illi fil-kaz in ezami, bhal fil-kaz ta' Pulizija vs. James Saliba u Tania Seychell, deciza fl-20 ta' Ottubru 2008, l-imputat kien meskolat f'din il-facenda, kwazi kwazi, minghajr ma kien jaf kif. Dan qieghed jinghad il-ghaliex il-*loan agreement* lanqas ma kien ghalih personalment u l-imputat, ghamel dak li ghamel, biex jipprova jghin lil huh. Illi, di piu', kienu Scicluna u Muscat li hadu hsieb il-'*paper work'* kollu.

Illi ma jirrizultax mill-atti li, l-banek indikati fl-akkuza, ghamlu xi kwerela sabiex il-Pulizija jiehdu passi kriminali kontra l-imputat. Anzi, l-Qorti ghandha prova pozittiva, ghal fatt illi l-Bank Of Valletta kien ghadu qed jircievi *installments* regolari minghand l-imputat u l-bank ma kellu ebda intenzjoni illi jirtira din il-*loan facility*.

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta, b'mod anke ampju, li r-reati centrali mwettqa mill-imputat kienu dawk ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u uzu ta' dokumenti foloz ghal skop ta' *loan facility* mal-Bank Of Valletta.

Li l-istqarrija ta' l-imputat turi bic-car l-involviment tieghu ghal *loan* mal-Bank, izda kienu il-"hard sale tactics" ta' Scicluna u Muscat li wassluh ghal din il-facenda.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, **Kenneth Agius**, mhux hati ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza, li

minnhom tilliberah, stante li ma jissussistux l-elementi kardinali ta’ dawn ir-reati, fosthom illi jonqos l-element ta’ profitt jew gwadann.

Il-Qorti, pero’, issib lill-imputat hati tat-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza b’assorbiment ghal-fini ta’ piena tal-hames (5) u s-sitt (6) akkuza u wara li rat Artikoli 18, 167, 169, 183 u 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ta’ sentejn taht is-sorveljanza ta’ Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-fedina penali nadifa ta’ l-imputat, l-eta’ giovanili tieghu, ic-cirkostanzi tal-kaz, b’mod specjali ghat-trappoli tal-“hard sale tactics” ta’ Scicluna u Muscat.

In oltre, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------